# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu 2001.**

**Numru 15**

**Citaz. numru 1650/00 GCD**

**Joseph Rapa**

**vs**

**Raymond Sammut**

**Il-Qorti;**

**<u>IR-RIKORS PROMOTUR</u>**

Dan hu appell minn digriet moghti mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awissu 2000, fuq dan ir-rikors ta' Raymond Sammut fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2538/00, prezentat fid-19 ta' Lulju 2000 l-ismijiet "Joseph Rapa vs Raymond Sammut".

> "Illi fid-19 ta' Lulju 2000, gie pprezentat Mandat ta' Sekwestru kontra l-esponent fl-ammont ta' hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000)

bhala danni allegatament sofferti mill-intimat Joseph Rapa (Dok RS1) ;

Illi dan il-mandat gie ezegwit u notifikat lill-banek lokali. Fil-fatt l-esponent gie mgharraf mill-Bank of Valletta plc (Dok RS2) li l-kont bankarju tieghu kien milqut mill-Mandat ta' Sekwestru msemmi ;

Illi wara l-prezentata ta' l-imsemmi mandat, l-intimat Joseph Rapa naqas milli jintavola citazzjoni fiz-zmien preskritt mil-ligi fejn kellu jressaq il-jedd pretiz minnu ;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ghat-tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tikkundanna lill-intimat Joseph Rapa jhallas lill-esponent dik is-somma li tistabilixxi l-Qorti bhala hlas ta' penali.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-esponent."

**<u>DIGRIET APPELLAT</u>**

L-ewwel Qorti iddegretat dan ir-rikors billi ddikjarat li "wara li rat l-artikolu 836 tal-Kap 12 u partikolarment is-subartikolu 9 imsemmi mill-intimat fl-ewwel paragrafu tar-risposta tieghu ; wara li rat il-procedura f'kaz ta' talba ghad-danni li s-subartikolu 9 irid li ssir bil-procedura tac-citazzjoni u ghaldaqstant ir-rikors sar sewwa u l-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' l-invalidita'.

Dwar it-talba ghall-penali rat l-artikolu 836(8)(a), rat illi l-kawza fuq il-pretensjoni ta' l-intimat ma saritx fiz-zmien li taghti l-ligi u ghaldaqstant kien hemm l-elementi kollha li trid il-ligi biex il-Qorti tikkundanna lill-intimat ghall-hlas tal-penali. Fic-cirkostanzi l-Qorti kienet tal-fehma li l-

penali kellha tkun l-inqas li tippermetti l-ligi u ghaldaqstant ikkundannat lill-intimat appellant ihallas il-penali ta' Lm500 li kellha titqies li hija relattiva kemm ghall-mandat ta' qbid 2539/2000 kif ukoll ghall-mandat ta' sekwestru 2538/2000. Ghaldaqstant ipprovdiet dwar ir-rikors billi kkundannat lill-intimat li jhallas il-penali ta' hames mitt lira flimkien ma' l-ispejjez.

**<u>KONSIDERAZZJONI TA' DIN IL-QORTI</u>**

Fl-appell tieghu l-appellant Joseph Rapa qabel xejn irrinadixxa s-sottomissjoni tieghu lill-ewwel Qorti illi l-procedura addottata mill-appellat ma kienitx dik idoneja u ghaldaqstant ir-rikors promotur kien irritu u kellu jigi michud. Dan in vista tal-fatt li l-artikolu 836(9) jipprovdi illi azzjoni bhal dik li ippremwova l-appellat kellha ad validatem tkun promossa permezz ta' citazzjoni u mhux b'permezz ta' rikors.

Is-subinciz (a) tal-artikolu 836 jipprovdi illi, fil-kazijiet elenkati fis-subinciz 8 fosthom dik fejn ir-rikorrent ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mil-ligi, l-Qorti tista' "<u>meta ssir ic-citazzjoni</u> l-persuna li kontriha jkun hareg l-att kawtelatorju tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas <u>dawk id-danni</u> lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat ……….".

Is-subinciz 8 tal-istess artikolu jipprovdi illi fil-kazijiet elenkati, fosthom allura dan taht ezami fejn qed ikun allegat li r-rikorrent ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi "Il-Qorti tista' tikkundanna lill-istess rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju ….."

Hu immedjatament ovvju minn ezami komparattiv ta' dawn iz-zewg subincizi illi l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-kundanna ghall-hlas ta' penali li l-Qorti timponi fuq talba tal-persuna li kontra taghha jkun hareg il-mandat kawtelatorju li ma jkunx gie segwit b'kawza, u l-azzjoni proposta mid-debitur ezekutat kontra l-kreditur ezekutant ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu sofferti bhala konsegwenza tan-nuqqas tal-istess kreditur li jiddeduci l-pretensjoni tieghu fit-terminu statutorjament stabbilit. Filwaqt li f'dan l-ahhar kaz ir-rimedju moghti lill-persuna esposta ghall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-ligi inutilment biex jigi rizarcit id-danni, kellu jigi espressament ezercitat permezz ta' citazzjoni, fl-ewwel kaz fejn il-Qorti tigi mitluba timponi penali – sanzjoni din ghal kollox distinta u awtonoma minn dik ta' hlas ta' danni tant li hu facilment koncepibbili illi tista' tigi mposta l-penali anke fil-kaz fejn ma jkunux irrizultaw danni rejali u attwali – l-ligi tipprovdi biss li kellu jkun hemm talba lill-Qorti. It-terminu "talba" timporta l-anqas forma solenni li biha persuna setghet tadixxi lill-Qorti

biex minghandha tircievi l-haqq. It-talba tista' tkun skritta, li formalment tissejjah rikors, u tista' wkoll tkun verbali meta bhala regola tigi mill-Qorti verbalizzata in atti.

Il-Qorti zgur f'dan is-subinciz 8 allura, ma kienitx qed tezigi lanqas il-forma anqas solenni tal-att tac-citazzjoni li bih wiehed kellu ordinarjament jagixxi biex jirrivendika d-drittijiet tieghu kontra l-konvenut. Drittijiet bhala m'huma azzjonijiet ta' rizarciment ta' danni bhal dawk kontemplati fis-subinciz 9 tal-istess artikolu. Din il-Qorti taqbel allura mal-ewwel Qorti illi l-procedura tentata mill-appellat kienet proceduralment ritwali u korretta.

L-appellant Joseph Rapa ghandu wkoll aggravju fil-mertu. Jippretendi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannah ihallas penali peress li n-nuqqas tieghu li jipprezenta l-kawza fit-terminu ma kienx attribwibbli ghal xi intenzjoni li jinvessa b'xi mod lill-appellat izda sempliciment dan gara ghax xtaq jevita akkost ta' kollox li jiftah proceduri li setghu jkunu evitati. Il-pretensjoni tieghu kienet naxxenti minn incident stradali li bhala konsegwenza tieghu hu sofra danni u li dwaru pprova jasal fi ftehim bonarju mal-appellat. Meta dawn fallew hu ppropona l-azzjoni gjudizzjarja. Il-fatt li ppropona l-azzjoni anke wara li kien skada t-terminu statutorju juri li hu bl-ebda mod ma ried jabbuza mill-istitut tal-mandati kawtelatorji.

Ma jidhirx li dan l-aggravju jista' jigi sostnut fil-ligi. Dan ghaliex id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili taht ezami li jirregolaw il-materja ma jidhrux li jghatux diskrezzjoni wiesgha lill-Qorti biex tindaga dwar ir-raguni ghaliex ir-rikorrent kreditur ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mil-ligi. Jidher illi taht dan ir-rigward il-legislatur kien rigidu u fis-subinciz 8(a) tal-artikolu 836 rabat l-imposizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduci l-pretensjoni tieghu kontra d-debitur fiz-zmien statutorjament prefiss. Dana indipendentement mir-raguni li minhabba fiha jkun avvera ruhu b'dan il-fatt. Indipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u minghajr il-htiega li jigi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-hsieb li jabbuza mil-process gjudizzjarju. Jidher allura li taht dan is-subinciz l-unika difiza li setghet tkun bhala regola ammisibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jigi stabbilit illi t-terminu statutorju kien gie estiz espressament jew almenu tacitament bil-kunsens tad-debitur. Prova din li mill-atti bl-ebda mod ma tirrizulta.

Hu korrett allura r-rikjam tal-appellat ghall-principju gjurisprudenzjali ormai ben stabbilit illi din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex bla raguni valida tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti u l-ezercizzju ta' d-diskrezzjoni fejn dan hu lilha konsentit kellu jigi rispettat. Dan qed jinghad ukoll ghaliex hu fatt illi s-subinciz 8 tal-artikolu 837 jipprovdi illi "Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent" li jhallas penali, li verament hu ndikattiv ta' certa diskrezzjonalita moghtija lill-

Qorti. Anke hawn pero' l-ewwel Qorti kienet tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta u kellha biss taghzel li ma timponix tali penali f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Dan proprju ghaliex penali ta' din ix-xorta hi mposta bil-ligi bhala mizura ta' ordni pubbliku biex tassigura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex tassigura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jigix abbuzat, kif facilment jista' jigi, bil-hsieb li jivvessa lill-allegat debitur. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti gustament dehirlha illi c-cirkostanzi ma kienux tali li setghu jiggustifikaw li hi ma tapplikax ir-rigur tal-ligi fil-konfront tal-appellant. "Jekk l-ewwel Qorti tkun akkordat it-talba ghall-kundanna ta' penali l-Qorti tal-Appell m'ghandhiex bhala regola tvarja l-ammont tal-penali kif fissat mill-ewwel Qorti u dan in forza tal-principju li fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel istanza, l-Qorti tal-Appell ma tindahalx hlief f'kazi tal-vjolazzjoni tal-ligi jew ta' ingustizzja manifesta" (Volum. XXXVII.i.452).

Fil-kaz taht ezami c-cirkustanzi kienu tali li la kienet tokkorri xi vjolazzjoni ta' ligi u lanqas ma kienet tirrizulta xi ingustizzja manifesta. Ghall-kuntrarju kollox jindika illi l-appellant kien naqas li jaghmel dak li l-ligi kienet timponi fuqu li jaghmel wara li kien talab u ottjena l-hrug tal-mandati kawtelatorji kontra l-appellat.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg